

**Brussell, 22 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

14251/19

**SOC 751
GENDER 52**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-politiki għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' gwida mhejjja mill-Presidenza, maħsuba biex tiffaċilita d-diskussjoni fil-Kunsill EPSCO tal-10 ta' Diċembru 2019.

Politiki Futuri dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni Ewropea

1. Kuntest u sfidi

Kien hemm xi kisbiet importanti fl-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE, bħaż-żieda fil-bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u t-tisħiħ tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni esterna tal-UE. Madankollu, kif ġie analizzat fir-rapport Beijing +25¹ mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), għad hemm xi sfidi minn qabel f'termini ta' ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż id-differenzi fl-impjiegi, il-pagi, il-pensjonijiet u l-livelli ta' faqar tal-irġiel u tan-nisa, kif ukoll il-vjolenza sessista. Qed ifeġġu sfidi ġodda, pereżempju mid-diġitalizzazzjoni, il-migrazzjoni u t-tibdil fil-klima. L-Indiċi 2019 tal-EIGE juri li b'punteġġ ta' 67.4, l-UE għadha 'l bogħod milli tikseb l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Fir-rigward tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, ir-rapport Beijing +25 jikkonkludi li foqasma differenti tal-politika tal-UE din hija frammentata u nieqsa mill-kontinwità. L-għodod tal-integrazzjoni, bħall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi, ma jintużawx b'mod frekwenti fit-tfassil tal-politika tal-UE.

Fir-rigward tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki ekonomiċi u baġitarji, in-nuqqas ta' miri speċifiċi għall-ġeneru u n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni waqqfu l-progress. Xi fondi tal-UE għandhom objettivi speċifiċi għall-ġeneru u/jew għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, iżda ħafna drabi jonqsu milli jsegwuhom fil-prattika b'miżuri ta' implimentazzjoni, bħal fil-każ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Saru sforzi biex l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata fl-implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew, pereżempju permezz tar-Rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi u l-użu ta' data diżaggregata skont is-sess. Madankollu, ir-rabta bejn l-elementi makroekonomiċi u dawk dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi hija dgħajfa u l-impatt tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi normalment ma jiġix ivvalutat. Id-diffikultà tal-intraċċar tal-infiq fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi tagħmilha diffiċli biex jiġi żviluppat ibbaġitjar sensitiv għall-kwistjonijiet ta' ġeneru fl-UE.

¹ Ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tan-NU, 25 sena mill-adozzjoni tagħha.

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-valuri fundamentali u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif iddikjarat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti lill-Unjoni l-kompitu li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet kollha tagħha.

L-UE impenjat ruħha politikament għal approċċ doppju lejn ir-realizzazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, li jinkludi kemm l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha, kif ukoll miżuri speċifiċi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni. L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi hija strateġija trasformattiva ewlenija biex tiġi appoġġata r-realizzazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Eżempji ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki tal-UE jinkludu l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II (2016–2020) f'azzjonijiet esterni tal-UE u l-perspettiva b'saħħitha tal-ġeneri fil-qafas ta' politika tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Ir-riċerka identifikat l-elementi ewlenin għall-integrazzjoni b'suċċess ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi. L-ewwel nett, jeħtieġ li jkun hemm impenn politiku qawwi lejn l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi. Imbagħad huwa meħtieġ ukoll li jiġu żgurati strutturi istituzzjonali u proċeduri adegwati għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u li tissaħħaħ l-implimentazzjoni reali tagħha fl-oqsma kollha ta' politika, inkluż permezz ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bbażati fuq l-għarfien u l-użu ta' għodod eżistenti, bħall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi.

2. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE: it-triq 'il quddiem

Il-Presidenza Finlandiża ser torganizza dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-prijoritajiet u d-direzzjonijiet għall-politiki tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, fil-laqgħa tal-EPSCO fl-10 ta' Diċembru. L-għan huwa li jiġu esplorati modi għat-tiġih tal-impenn politiku u miżuri speċifiċi għall-għieda kontra l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel u li jiġi żgurat progress reali lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-Presidenza Finlandiża kellha Konferenza ta' Livell Għoli "L-Ewropa għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi? Nieħdu kont – Nieħdu azzjoni" fit-30 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2019 f'Ħelsinki, b'enfasi fuq politiki futuri tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki ekonomiċi u baġitarji. Il-parteciċipanti enfasizzaw il-ħtieġa għal strateġija tal-UE b'saħħitha dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi u l-ibbaġitjar sensitiv għall-kwistjonijiet ta' ġeneru tqiesu bħala għodod importanti għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u għat-teħid inkunsiderazzjoni b'mod serju tal-kwistjonijiet marbuta mas-sessi fl-aġenda tal-politika ekonomika. Ġie enfasizzat li l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-użu ta' indikaturi ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, joffru possibbiltajiet ġodda għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi. Il-kooperazzjoni bejn l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-setturi baġitarji tqieset bħala essenzjali għall-iżvilupp ta' bbaġitjar sensitiv għall-kwistjonijiet ta' ġeneru.

Il-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni l-ġdida u l-impenni b'saħħithom għall-ugwaljanza bejn is-sessi li saru mill-President elett Ursula von der Leyen, inkluż l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, jipprovdu bażi tajba għat-tiħiħ tal-politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE. Il-President elett iddikjarat ukoll l-intenzjoni tagħha li tiffoka mill-ġdid is-Semestru Ewropew fi strument li jintegra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, li jinkludu l-SDG5 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

F'dan il-kuntest, il-ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Liema għandhom ikunu l-prijoritajiet tematiċi tal-politiki tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi għall-ħames snin li ġejjin?
2. Liema azzjonijiet u miżuri għandha tieħu l-UE biex tiġġieled l-inugwaljanzi bejn is-sessi u ssaħħaħ il-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħames snin li ġejjin?
3. Kif nistgħu niżguraw li l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod aktar b'saħħtu fl-istrateġiji u l-proċessi ta' politika futuri tal-UE, inkluż l-politiki ekonomiċi u baġitarji? X'inhuma l-istrutturi, il-mezzi u l-forom ta' kooperazzjoni biex dan isir, inkluż fil-Kunsill?